

Brussell, 24 ta' Jannar 2025
(OR. en)

16905/24
COR 1
PV CONS 67
AGRI 883
PECHE 526

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(**Agrikoltura u Sajd**)
9 u 10 ta' Diċembru 2024

Fid-dokument 16905/24 INIT fil-paġna 4, il-punt 7 għandu jaqra kif ġej:

Attivitajiet mhux leġislattivi

7. Opportunitajiet futuri għall-bijoeconomija

 16244/24

Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar l-opportunitajiet futuri għall-bijoeconomija, il-kummenti tad-delegazzjonijiet u r-reazzjoni tal-Kummissjoni.

Il-Kunsill jerġa' lura għal din il-kwistjoni meta jkun xieraq.

Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza taħt affarijiet oħra dwar il-konklużjonijiet tal-Kunsill adottati mill-Kunsill **Kompetittività** fid-29 ta' Novembru dwar inizjattiva potenzjali ta' riċerka u innovazzjoni madwar l-Ewropa kollha dwar l-avvanz tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, is-sigurtà tas-sistemi tal-ikel u l-implimentazzjoni tal-bijoeconomija, filwaqt li jiġi sfruttat il-potenzjal tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant.

Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza taħt affarijiet oħra dwar ir-riżultati tal-Konferenza Sħubija għall-Futur: "BIOEAST u Lil Hinn" konferenza ta' livell għoli dwar il-prijoritajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant fil-kuntest tar-reżiljenza sostenibbli tal-ħamrija u tal-ilma ħelu, is-sigurtà tas-sistemi tal-ikel u l-politiki relatati mal-bijoekonomija.

Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-informazzjoni pprovduta mill-Finlandja taħt affarijiet oħra dwar l-iżblukkar tal-ostakli fir-riċiklaġġ tan-nutrijenti u l-produzzjoni tal-bijogass fil-livell tal-azjendi agrikoli.

Fl-aħħar nett, il-Kunsill ħa nota tal-kummenti tal-Kummissjoni u tad-delegazzjonijiet dwar dawk il-punti taħt affarijiet oħra.



L-ewwel qari



Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni



Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)